# ID-DAWL

MARZU 2024 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 75

**"Żomm mas-sabar u l-maħfra, uża l-ekwità u dejjem tbiegħed mill-injorant."**




Il-Ħela tal-Ikel | Is-Sabar | It-Tfal u s-Sawm | Is-Sawm u s-Safa

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# Is-sawm u l-ħela tal-ikel

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Hemm żewġ kmandamenti ewlenin tal-Koran Imqaddes: (1) li temmen f'Alla u li tħobb lil Dak li jippossjedi l-akbar attributi, u; (2) li turi qalb tajba lejn l-umanità kollha; dawn jissejħu fil-Koran Imqaddes bħala *Huquq-Allah* (id-drittijiet dovuti lil Alla) u *Huquq-Al'ibaad* (id-drittijiet tal-ħolqien). Ir-Ramadan huwa x-xahar tar-riflessjoni ta' dawn iż-żewġ drittijiet. Ir-Ramadan huwa x-xahar tas-sawm; u s-sawm huwa forma ta' qima u devozzjoni. Din il-forma ta' qima tinstab fir-reliġjonijiet kollha. Għalkemm hemm differenzi fil-mod kif is-sawm huwa pprattikat f'reliġjonijiet differenti, iżda l-idea ċentrali tas-sawm hija preżenti kullimkien.

Kuljum qed jinħela ħafna ikel madwar id-dinja partikolarment fil-pajjiżi sinjuri; anke jekk nafu li miljuni ta' tfal imorru jorqdu bil-ġuħ kuljum, xorta waħda naħlu l-ikel. Skont xi studji, terz tal-ikel kollu għall-użu tal-bniedem jinħela. Is-sawm jgħallimna l-importanza tal-ikel u l-ilma u li nibżgħu għall-ikel u l-ilma u ma naħluhomx, u jekk għandna iktar minn dak li għandna bżonn minflok li narmu fiż-żibel, huwa ferm aħjar li nippreservawh u nagħtuh lil dawk li huma fil-bżonn. Imma sfortunatament aħna sirna egoisti ħafna u, minflok nippruvaw nilħqu biex ngħinu lil xi ħadd, nagħżlu biex narmuh fiż-żibel għax possibbilment huwa aktar faċli, imma b'hekk qatt ma jista' jiġi apprezzat. Għalhekk, ejjew inkunu grati lejn Alla u naqsmu dawk il-barkiet ma' ħutna li huma fil-bżonn minflok li naħluhom. **Għax, verament Alla jgħin lil dawk li jgħinu lil ħuthom.**

## ID-DAWL

MARZU 2024 – Numru 75 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

Fasting and food wasting 02
Forbearance 03
When children should fast? 04
Why do Muslims fast? 06
The doors to Heaven 07
Five daily prayers 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** **Forclick Studio|iStock**
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# Is-Sabar

Is-sabar huwa kwalità morali għolja. Dan mhux biss jipprovdi t-trankwillità meta jkun hemm il-problemi iżda jgħin biex wieħed ibaħħar sewwa u joħroġ mit-tempesta. Dawk li jibqgħu kalmi u sodi tul iċ-ċirkostanzi diffiċli għandhom ċans li jmorru aħjar minn dawk li jippanikjaw jew ikunu nervużi. Għaldaqstant, irridu nissodaw f'din il-kwalità morali; u ngħallmu lit-tfal tagħna minn mindu jkunu żgħar li jekk xi ħadd jgħidilhom xi ħaġa jew inkella jiġrilhom xi ħaġa m'hemmx għalfejn ħafna paniku u nervożiżmu, iżda jibqgħu kalmi, jagħmlu l-kuraġġ u jżommu l-moral tagħhom għoli.

## Il-Koran Imqaddes

"Dawk li jonfqu fil-prosperità u l-avversità, u dawk li jrażżnu r-rabja u jaħfru lin-nies; u Alla jħobb lil dawk li jagħmlu t-tajjeb." (3:135)

"Żomm mas-sabar u l-maħfra, uża l-ekwità u tbiegħed mill-injorant." (7:200)

"Dak li ssirlu inġustizzja, li juri kuraġġ u jaħfer, dak tassew jikseb livell għoli ta' determinazzjoni." (42:44)

## Diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Intom għandkom żewġ kwalitajiet li Alla japprezza: il-ġentilezza u s-sabar. (*Muslim*)

Alla huwa Ġentili u jħobb il-ġentilezza u jikkonċedi l-ġentilezza fejn Huwa ma jikkonċedix il-ħruxija jew affarijiet oħra. (*Muslim*)

Huwa rakkontat li darba waħda wieħed Bedwin ġera lejn il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u ġibdu mill-mantar tant bil-goff li benġillu għonqu. Imbagħad bil-herra huwa talab biex jingħata l-flus. F'dan il-waqt, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ma ordnax biex din il-persuna, li ġabet ruħha tant ħażin fil-konfront tal-iktar Profeta ta' Alla maħbub, tkun attakkata; minflok, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] baqa' kalm, tbissem, u ordna biex il-Bedwin jingħata xi flus. (*Bukhari Kitabul Nafaqat wa Kitabul Libas, Bab Al-Bard*; meħuda minn *Gardens of the righteous*, p. 132)

Q&A

# Meta t-tfal għandhom isumu?

Meta jasal ix-xahar tar-Ramadan, il-ġenituri tat-tfal Musulmani jitħassbu jekk uliedhom għandhomx isumu jew le waqt li jkunu qed jattendu l-iskola; bl-istess mod, l-għalliema wkoll mhumiex ċerti x'għandhom jagħmlu f'każijiet bħal dawn u kif jittrattaw mal-istudenti Musulmani matul ir-Ramadan.

Kull kmandament Iżlamiku huwa bbażat fuq għerf profond u għaqal. Il-Ħames Talbiet ta' kuljum – it-tieni fost il-ħames pilastri tal-Iżlam – isiru obbligatorji fl-età ta' għaxar snin. Madankollu, anki qabel ma jsiru obbligatorji, it-taħriġ u l-edukazzjoni xierqa għat-tfal mhux biss huma meħtieġa iżda obbligatorji; u għalhekk huwa rakkomandat taħriġ xieraq ta' tliet snin. Huwa għalhekk li l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li t-tfal għandhom ikunu mħeġġa biex joffru Talb (*Salat*) meta jkollhom seba' snin, u meta jilħqu l-għaxar snin, il-ġenituri jistgħu, jekk meħtieġ, jużaw miżuri stretti biex jgħinuhom ikunu regolari fit-Talb. Jiġifieri, it-Talb isir obbligatorju meta t-tfal isiru ta' għaxar snin.

Is-sawm huwa t-tielet fost il-ħames pilastri tal-Iżlam. Għalhekk ma jistax isir obbligatorju qabel l-età ta' għaxar snin. Madankollu, hemm bżonn ukoll xi taħriġ xieraq qabel ma jsir obbligatorju, bħal fil-każ tat-Talb ta' kuljum (*Salat*).

Darba tfajla Ahmadi Musulmana staqsiet din il-mistoqsija lill-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-Kap Spiritwali tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana; hu wieġeb:

> "Is-sawm isir obbligatorju għalikom meta tkunu tassew maturi. Jekk inti student u għandek l-eżamijiet, u għandek 13, 14 jew 15-il sena, mela m'għandekx issum. Jekk inti kapaċi tissaporti, mela s-sawm ta' 15 jew 16-il sena huwa wkoll tajjeb."
>
> "Madanakollu, ġeneralment huwa meta wieħed ikollu 17 jew 18 li s-sawm isir obbligatorju; u wieħed għandu jibda jsum minn hemm 'il quddiem, għax wara dan is-sawm żgur isir obbligatorju bilfors. Jekk inti verament tixtieq, tista' tipprova sawma, tnejn, tlieta, erbgħa, fl-età ta' tmienja jew għaxra. Madanakollu dawk mhumiex obbligatorji."




"Is-sawm isir obbligatorju meta inti tikber u tkun tista' tissaporti s-sawm… Il-ħila tasal meta inti tkun żagħżugħ. Meta tasal biex ikollok mill-anqas 17 jew 18-il sena, hemmhekk tajjeb biex tibda s-sawm. Hemmhekk għandek issum. Tajjeb?"

"X'jgħidu l-ġenituri tagħkom? Jgħidu li s-sawm sar obbligatorju għalikom fl-età ta' għaxar snin? Hu x'inhu, għandkom teżerċitaw din id-drawwa. It-tfal żgħar ukoll għandhom jagħmlu xi żewġ jew tliet sawmiet kull Ramadan ħalli jkunu jafu xi tfisser il-wasla tar-Ramadan. Madanakollu, anki jekk tiddeċiedu li ma ssumux, mela, qumu filgħodu u kulu *seħri* [l-ikel ta' kmieni filgħodu] flimkien mal-ġenituri tagħkom, offru *nawafil* [talb volontarju] u għidu t-Talb [obbligatorju] regolarment."

"Ir-Ramadan għall-istudenti u tfajliet bħalek għandu jkun li intom taraw li tqumu waqt ir-Ramadan, tieklu *seħri*, tagħmlu l-arranġamenti kollha, toffru żewġ jew erba' *nawafil* qabel, tgħidu t-Talb [obbligatorju] regolarment u taqraw il-Koran Imqaddes spiss." (*Al Hakam*)

Din hija linja gwida komprensiva ħafna għat-tfal, il-ġenituri u l-għalliema. Tfal f'età bikrija m'għandhomx isumu għax dan jista' jaffettwa t-tkabbir tagħhom. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes li, "Alla jixtieq faċilità għalikom u ma jixtieqx tbatija għalikom" (2:186). Għalhekk, meta nafu li dan huwa diffiċli u ta' tbatija għat-tfal żgħar, allura m'għandhomx isumu.

Madankollu, l-adoloxxenti huma mħeġġa jsumu u jieħdu drawwa tar-responsabbiltà li jmiss tagħhom. L-adoloxxenti meta jkunu b'saħħithom biżżejjed għandhom isumu regolarment fix-xahar tar-Ramadan. Jiġifieri, mill-età ta' 13 sa 16-il sena għandhom iħarrġu lilhom infushom u jdaħħlu drawwa tas-sawm billi jsumu għal ftit ġranet matul ir-Ramadan, sakemm isiru 17 jew 18-il sena u mbagħad għandhom isumu għax-xahar kollu.

## Għaliex il-Musulmani jsumu?

Il-Musulmani jsumu b'ubbidjenza għall-kmandament ta' Alla li Jista' Kollox. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes: "Intom li temmnu, is-sawm huwa obbligatorju għalikom, bħalma kien għal dawk ta' qabilkom, ħalli tkunu tistgħu ssiru devoti." (2:184)

Is-sawm jgħallimna l-kontroll fuqna nfusna u d-dixxiplina. Huwa xahar ta' riflessjoni u biex nifhmu xi jfisser li tkun bniedem veru. Kif nistgħu niżviluppaw il-valuri morali. Huwa wkoll importanti li nifhmu li, is-sawm mhuwiex sempliċiment astensjoni mill-ikel, imma minn kull ħażen u kull għemil ħażin. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal li, Alla m'għandux bżonn persuna li tastjeni mill-ikel u x-xorb jekk ma tabbandunax il-falsità matul ir-Ramadan.

Is-sawm jgħin biex nifhmu t-tbatijiet u l-privazzjoni ta' bnedmin oħra sħabna; u jiżviluppa d-dispożizzjoni tal-għoti, l-għajnuna lill-oħrajn, il-ġenerożità, l-empatija u s-simpatija għall-persuni fil-bżonn.

Is-sawm jagħtina opportunità biex nirriflettu fuq il-barkiet bla għadd ta' Alla li Jista' Kollox fuqna; jgħinna wkoll biex naħsbu jekk insiru tassew grati u nuru l-gratitudni tagħna lejn Sidna. Huwa żmien ta' sagrifiċċju għall-fini tal-Mulej biex jogħġob lilu. Huwa żmien biex tinkiseb qrubija lejn Alla. Ir-Ramadan jipprovdi atmosfera li tiffaċilita l-kisba ta' pjetà,



tieba, purità, elevazzjoni spiritwali u tisħiħ morali. Alla l-Ħanin jaċċetta t-talbiet tal-qaddejja Tiegħu.

## Il-bibien għall-Ġenna

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal li matul ir-Ramadan Alla jiftaħ il-bibien kollha għall-Ġenna u jagħlaq il-bibien li jwasslu għall-Infern u jrażżan lix-Xitan. Dan ifisser li, atmosfera spiritwali hija stabbilita għal dawk kollha li verament jixtiequ jibbenefikaw mill-grazzja ta' Alla l-Ħanin u l-Grazzjuż, ikollhom dnubiethom maħfura u jimlew ħajjithom b'barkiet bla għadd mingħand Sidhom. Għalhekk, dawk li jemmnu huma mistennija li jippruvaw jiksbu benefiċċji massimi minn dawn il-barkiet speċjali tar-Ramadan, u jilħqu livell għoli ta' spiritwalità u moralità.

Fil-qosor, is-sawm għandu benefiċċji ta' żewġ dimensjonijiet, fuq naħa jipprovdi tarka kontra l-ħażen u l-għemejjel ħżiena, u fuq naħa l-oħra jipprovdi atmosfera ta' elevazzjoni spiritwali, ta' tisħiħ morali u jagħmel kull sforz possibbli biex insiru persuni aħjar – li nduru għalkollox u lil Alla biss, u li jkollna xewqa kbira li naqdu lil ħutna l-bnedmin kollha.

# Il-ħames Talbiet ta' kuljum

L-Iżlam jordna ħames Talbiet obbligatorji kuljum. Xi ħaġa sabiħa fl-Iżlam hija li *x-Xarija* (il-Liġi Iżlamika) sħiħa ġiet deskritta fil-Koran Imqaddes innifsu kif ukoll ġiet murija bil-fatti mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Il-ħames Talbiet ta' kuljum ġew deskritti bħala barka għall-Musulmani fil-Koran Imqaddes (17:75).

Soċjetajiet differenti jħaddnu modi differenti ta' kif jesprimu r-rispett u r-riverenza. Pereżempju, storikament, it-Torok kienu joqogħdu bilwieqfa bi jdejhom fuq xulxin fuq sidirhom u l-Iranjani kienu joqogħdu sempliċement bilwieqfa bi jdejhom imniżżlin 'l isfel; it-timjila tar-ras hija sinjal ta' qima fost il-Ħindu kif ukoll f'xi kulturi oħra; fl-Indja u fl-Afrika li timtedd fl-art wiċċek 'l isfel huwa sinjal ta' rispett kbir, filwaqt li fl-Ewropa n-nies jinżlu għarkupptejhom bħala sinjal ta' sottomissjoni.

Il-qima Iżlamika tinkludi dawn kif ukoll pożizzjonijiet oħra fit-Talb tagħha, b'hekk tixhed ameljorament u raffinament tal-għamliet varji ta' adorazzjoni li kienu jinsabu fir-reliġjonijiet ta' qabel.

L-att formali tat-Talb jibda meta l-fidil jgħolli jdejh mad-denduliet tal-widnejn, jew inkella jagħmilhom ma' spallejh. Dan hu sinjal ta' ċediment lil Alla. Imbagħad jitpoġġew id-dirgħajn fuq xulxin, bl-idejn fuq is-sider, u bl-id il-leminija fuq dik xellugija. Din hi turija simbolika li wieħed qed jagħżel ir-reliġjon flok l-affarijiet materjali.

Bħal dan wieħed ikompli sal-aħħar. Waqt il-ħin tat-Talb, mhuwiex permess li wieħed idawwar wiċċu lejn il-lemin jew ix-xellug, u lanqas li jkun hemm diskors. Wieħed ikun jinsab quddiem Alla meta jkun qed jitlob u għalhekk ikun maqtugħ mill-oħrajn. Meta tispiċċa t-Talba, il-fidil jerġa' jsib ruħu fost in-nies tad-dinja.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**